

Brussell, 22 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15828/23

MAP 53
MI 1020
COMPET 1156
DELECT 184

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 7642 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 15.11.2023 li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 7642 final.

Mehmuż: C(2023) 7642 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.11.2023
C(2023) 7642 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 15.11.2023

li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-iskop ta' dawn l-atti huwa li jirrevedu l-limiti li japplikaw għal dawn il-kuntratti.

Dak l-Artikolu jispeċifika wkoll li, fejn ikun hemm restrizzjonijiet ta' żmien, tista' tintuża l-proċedura ta' urġenza, f'konformità mal-Artikolu 88 ta' dik id-Direttiva.

Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/24/UE, il-limiti jiġu kkalkolati abbażi tal-medja tal-valur ta' kuljum tal-euro, fit-termini tad-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDRs), matul perjodu ta' 24 xahar, li jintemm fil-31 ta' Awwissu ta' qabel ir-reviżjoni, b'effett mill-1 ta' Jannar.

B'konsegwenza, il-kalkolu tal-limiti ma jistax jibda qabel l-1 ta' Settembru minħabba d-disponibbiltà tad-*data*. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva, il-limiti riveduti (f'euro) u l-valuri korrispondenti tagħhom fil-muniti nazzjonali l-oħra tal-Istati Membri tal-UE jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* fil-bidu ta' Novembru.

Fid-dawl ta' dan kollu, u sabiex tintlaħaq l-iskadenza msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni qed tuża l-proċedura ta' urġenza biex tadotta dan ir-Regolament.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Akkwist Pubbliku ġie kkonsultat dwar dan ir-Regolament u dwar il-Komunikazzjoni li takkumpanjah.

3. ASPETTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-kalkolu tal-limiti għad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku huwa operazzjoni purament matematika u, għalhekk, ir-reviżjoni tal-limitu fiha nnifisha hija sempliċiment eżerċizzju tekniku.

Dan irid isir kull sentejn f'konformità mat-termini tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-iskop tal-aġġustamenti hu li jsiru korrezzjonijiet għal kull ċaqliq fil-muniti bejn il-firmatarji li jista' jaffettwa l-firxa tas-swieq tal-akkwist tagħhom li huma miftuħa għall-kompetizzjoni minn kumpaniji f'pajjiżi firmatarji oħra.

Il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku għandu mekkaniżmu biex jiġi kkalkolat mill-ġdid il-valur ekwivalenti tal-limiti tiegħu, li jiġu f'fissati f'SDRs, fil-muniti tal-partijiet kontraenti tiegħu kull sentejn. Dan il-mekkaniżmu jingħata effett legali permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Għal raġunijiet ta' koerenza, jixraq li jiġu allinjati wkoll dawk il-limiti tad-Direttiva 2014/24/UE li mhumiex koperti mill-Ftehim.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 15.11.2023

li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5), it-tieni subparagrafu tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE², il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern³ konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern emendat ("il-Ftehim") huwa strument plurilaterali u għandu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Il-Ftehim japplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-limiti") stipulati fih u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/24/UE huwa li l-awtoritajiet kontraenti li japplikaw dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Sabiex ikun żgurat li l-limiti stipulati fl-Artikolu 4, il-punti (a), (b) u (c) tad-Direttiva 2014/24/UE jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim, jeħtieġ li l-limiti stipulati f'dik id-Direttiva jiġu riveduti. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva għandhom jiġu allinjati mal-limiti stipulati fl-Artikolu 4, il-punti (a) u (c), ta' dik id-Direttiva.
- (3) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jeħtieġ li kull sentejn il-limiti jiġu riveduti mill-Kummissjoni b'effett mill-1 ta' Jannar. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti għas-snin 2024–2025 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.
- (4) B'konsegwenza, il-kalkolu tal-limiti ma jistax jibda qabel l-1 ta' Settembru minħabba d-disponibbiltà tad-*data*. Skont l-Artikolu 6(4) ta' dik id-Direttiva, il-limiti riveduti f'euro u l-valuri korrispondenti tagħhom fil-muniti nazzjonali l-oħra tal-Istati Membri tal-UE jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* fil-bidu ta' Novembru. Fid-dawl ta' dan kollu, u sabiex tintlaħaq l-iskadenza msemmija hawn

¹ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

³ ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

fuq, il-Kummissjoni tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2014/24/UE tiġi emendata skont dan,
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/24/UE huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-punt (a), “EUR 5 382 000” huwa sostitwit b’“EUR 5 538 000”;
 - (b) fil-punt (b), “EUR 140 000” huwa sostitwit b’“EUR 143 000”;
 - (c) fil-punt (c), “EUR 215 000” huwa sostitwit b’“EUR 221 000”;
- (2) fl-Artikolu 13, l-ewwel paragrafu huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-punt (a), “EUR 5 382 000” huwa sostitwit b’“EUR 5 538 000”;
 - (b) fil-punt (b), “EUR 215 000” huwa sostitwit b’“EUR 221 000”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15.11.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN